**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 25 ta' Marzu, 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**-vs-**

**Gareth Chlach, illum Fava, detentur tal-Karta ta' l-Identità nru. 438998M**

*Kumpilazzjoni Nru. 599/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Gareth Chlach** u ċioe talli:

Nhar l-għaxra ta' Settembru, 2021 (10/09/2021) għal ħabta ta' 9PM ġewwa Bormla

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tas-sieħeb tiegħu **Terry Muscat** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **Terry Muscat**, hekk kif iċċertifikat **Dr. Stephanie Frendo** (Med. Reg. 3223);

2. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħeb tiegħu **Terry Muscat;**

3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali lis-sieħeb tiegħu **Terry Muscat** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Ukoll talli nhar l-għaxra ta' Settembru, 2021 (10/09/2021) għal ħabta ta' 9PM u fis-siegħat u, jew ġranet u, jew ġimgħat u, jew xhur ta' qabel ġewwa Bormla u inħawi oħra madwar il-gżejjer ta' Malta

4. Ikkaġuna lis-sieħeb tiegħu **Terry Muscat**, biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjetà tiegħu liema delitt twettaq ripetutament u bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt

5. Kellu fil-pussess tiegħu '*droga*' u, jew '*sustanza psikoattiva ġdida*' hekk kif definita fl-artikolu 118A (1) tal- Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta w dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Ligijiet ta Malta

6. Kiser Order tal-Probation a tenur tal-Artikolu 7(8) tal-Kap 446 mal-Ligijiet ta' Malta fejn kien ġie misjub ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta minn **Maġistrat Dr. Nadine Lia**, fejn ġie liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuna ta' **Terry Muscat** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Gareth Chlach** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil **Gareth Chlach** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat/i għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret nhar l-20 ta' Frar, 2024.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar l-14 t'Ottubru, 2024, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu,

din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi r-reat maġġuri li tiegħu qed tinstab ħtija u dak ta' offiża gravi per durata.[1]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat dan fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clint Calleja:**[2]

> Issa jigi ccarat mill-ewwel li l-artikolu 216(1)(d) ma jghidx li biex ikun hemm offiza gravi per durata, tali offiza trid tkun damet "aktar minn xahar" biex tfieq (kif jghid l-appellant fil hames paragrafu hawn fuq citat). Kliem il-ligi huwa carissimu u jsemmi perijodu ta' "tletin gurnata jew izjed". Jigifieri l-fejqan ta' l-offiza, biex jissussisti r-reat in ezami, irid ikun ipperdura almenu "tletin gurnata" jew "izjed minn tletin gurnata". Dak li din il-Qorti trid tara ghalhekk huwa jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment fuq il-bazi tal-provi mressqa tikkonkludi li l-offiza li sofra Ashley Falzon Bakebread f'imniehru damitx ghall-inqas tletin gurnata biex tfieq.

<u>Artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation</u>

In vista tal-ammissjoni inkondizjonata tal-imputat, billi l-imputat, qed jinstab ħati li kiser il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia fis-17 ta' Jannar, 2020,[3], a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ser tittratta miegħu għall-imputazzjonijiet li dwarhom kien tpoġġa' taħt tali ordni daqs li

[1] Vide xiehda ta' Dr. Mario Scerri a fol.92. Rapport **Dok. MS1** a fol.93 et seq.
[2] Per Onor. Imħallef Dr. David Scicluna. Sedutra 20 ta' Ottubru, 2004; Appell Kriminali Numru. 121/2004
[3] **Dok.LZ1** a fol.42 et seq

kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet.

F'dawk il-proċeduri l-imputat kien ġie akkużat talli:

> ***1. Fit-03 ta' Jannar 2020 għal ħabta ta' 08:10 Hrs, ġewwa Triq Dun Karm, Birkirkara ikkommetta serq ta' wallet minn fuq il-persuna ta' Maria Schembri ta' 71 sena li hija persuna anzjana liema serq huwa aggravat bil-vjolenza skond l-Artikoli 257D(1)(c), 261 (a), 262 (1)(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta***
>
> ***2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi wattqet reat waqt il perjodu operattiv ta' sentenza li minnha giet illiberata bil kundizzjoni la ma taghmilx reat iehor fi zmien 6 xhur mogħtija fil konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Charmaine Galea LL.D, datata 17 t' Ottubru 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.***
>
> ***3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruħu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.***

**Il-Piena**

A. Għall-imputazzjonijiet odjerni

Dwar il-piena ġie ikkunsidrat li bejn it-tieni, t-tielet u r-raba imputazzjoni japplika l-prinċipju ta' konkors formali tal-pieni, bil-piena l-aktar gravi tkun dik kontemplata bl-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali fejn il-piena hi dik ta' priġunerija ta' bejn sena u sentejn u, bl-aggravju kontemplat bl-Artikolu 251H tal-Kodiċi, il-piena tiżdied għal dik ta' bejn <u>tlettax (13) il-xahar u sentejn priġunerija</u>. Dan qed jingħad tenut kont li d-data tar-reati kontravvenzjonali hi koperta mid-data tar-raba imputazzjoni, li tassorbihom. Għal kull buon fini jingħad li bejn it-tieni w it-tielet imputazzjoni japplika l-prinċipju tal-konkors formali tal-piena, fejn il-piena għaż-żewġ reati hi l-istess.

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni l-piena massima erogabbli, applikat l-aggravju kontemplat bl-artikolu 202(h) tal-Kodiċi Kriminali, hi dik ta' bejn <u>tlettax (13) il-xahar u disa' (9) snin priġunerija</u>.

Inoltre l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, tal-fedina penali tiegħu minn fejn jirriżulta li l-imputat mhux xi *first-time offender*, taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u senjatament tar-rapport tal-uffiċjal tal-probation fejn ġie rakkomandat li l-imputat jingħata sentenza ta' priġunerija sabiex f'post

ikkontrollat ikun jista' tabilħaqq jiġġieled il-vizzju tad-droga li ilu maħkum minnha sa minn età ta' tlettax il-sena.

B. Piena għal ksur ta' Ordni ta' Probation tal-17.01.2020.

Huma dawn l-aħħar konsiderazzjonijiet li qed jingħataw piż meta l-Qorti ser tiddetermina l-piena li għandu jingħata l-imputat għall-ksur tal-ordni ta' probation datat is-17 ta' Jannar, 2020.

Għalhekk fost ir-reati imputati lilu, l-imputat kien ammetta għar-reat ta' serq fuq persuna anzjana, reat li l-leġislatur ħaseb għall-pieni ħorox u disważivi sabiex iservu ta' deterrent u juru l-protezzjoni sħiħa li għandha tingħata lill-komunità anzjana u persuni vulnerabbli tas-soċjetà tagħna.

Ġie ikkunsidrat ukoll li quddiem il-Maġistrat Dr. Lia l-imputat kien akkużat bi ksur ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea fis-17 t'Ottubru 2019.[4] Kif jirrizulta mir-rapport tal-Probation Officer din kienet sentenza fejn l-imputat ingħata libertà kondizzjonata li ma jagħmilx reat iehor ghal perjodu ta' sitt xhur.

Ma jistax jonqos li l-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni reġistrata mill-imputat fir-rigward tar-reati li dwarhom inħarġet Ordni ta' Probation fis-17 ta' Jannar, 2021 kif ukoll li l-imputat kien reċidiv ai fini ta' dawk il-proċeduri.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(d), 222(1)(a), 202(h),[5] 251B(1)(2), 251H(a)(b)(f) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-artikoli 40A, 118A(1), 120A(1)(a)(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolamenti 3 u 5 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, (L.S.31.18), issib l-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għall-piena ta' **priġunerija ta' erba' w tletin (34) xahar** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv.

---

[4] **Dok.RAC,** Fedina penali

[5] Ovvjament l-aggravju – kontemplat kemm bl-artikolu 202 kif ukoll bl-artikolu 222 - ġie applikat darba biss ġaladarba dawn id-disposizzjonijiet, f'ċirkostanzi bħal dan il-każ, jiġu *overlapping*.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna meħtieġa biex jegħleb il-vizzju tad-droga.

Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Inoltre ġaladarba l-imputat qed jinstab ħati li ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation tas-17 ta' Jannar, 2020, il-Qorti ser tittratta miegħu ghal dan il-ksur.

Konsegwentement wara li rat l-artikoli 7, 21 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u reġgħet rat l-artikoli 17(b)(ġ), 31, 49, 50, 257D(1)(c), 261(a) u 262(1)(a), kif ukoll rat l-artikolu 276 tal-Kodiċi Kriminali, qed titratta mal-ħati dwar l-imputazzjonijiet li dwarhom instab ħati fis-17 ta' Jannar, 2020, daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati u konsegwentement qed tikkonferma is-sejbien ta' ħtija kif jirrizulta minn dik l-imsemmija sentenza u tikkundannah għal **sena priġunerija**.

Għalhekk b'kollox l-imputat għandu jservi b'kollox terminu ta' **sitta w u erbgħin (46) xahar priġunerija.**

Qed jiġi wkoll ordnat sabiex isem il-vittma ma jixxandarx fi kwalunkwe mezz ta' xandir inkluż f'gazzetti u dan sabiex ma jkunx hemm *secondary victimization.*

Tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-Ordni ta' Trattament jintbagħat lid-Dipartiment għal Probation u Parole.

Inoltre ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Terry Muscat għal żmien tlett snin.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**